**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tad-09 ta' Frar 2018

**Kawza numru: 551/2016 AM3**

**Numru fuq il-lista: 34**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS1501**

**Vs**

**Conrad James Hadnett (ID 0059406A)**

**5, Seaview**

**Triq ix-Xaghra**

**Tal-Bandieri,**

**St Paul's Bay**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-

somma ta' elfejn erba' mija u wiehed u tmenin u tnejn u disghin centezmu (€2,481.92c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lil konvenut fuq l-akkonti numru AC40164525 u AC40154909.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu dovut issib li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u wiehed u tmenin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,481.92c) bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-Avviz tat-Talba ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' mill-25 ta' Mejju, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**